MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2010

Numru. 1042/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Raymond Aquilina)**

**vs**

**Sacha Spiteri iben Martin u Iris xebba Schembri, imwieled Pieta nhar l-08 ta’ Jannar 1981 u residenti 31, Triq Hompesch Road, Fgura u detentur tal-karta tal-identita bin-nurmu 51981M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Sacha Spiteri li gie akkuzat talli f’Novembru 2006 u fix-xhur ta’ qabel, gewwa l-Fgura u fi bnadi ohra f’dawn il-gzejjer, b’diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

1. a. iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta' industrija, jew, xjentement, ghamel uzu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid; jew

b. ghamel uzu, xjentement, ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh merkanzija, b'din il-marka, sinjal jew emblema; jew

c. xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema imxebbhin b'qerq;

u cioe diversi DVDs b'films;

2. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghal qligh, jew ghat-tqassim, jew ghall-wiri f'post pubbliku jew f'post accessibbli ghall-pubbliku, immanifattura, stampa jew xort' ohra ghamel, jew dahhal f'Malta, jew akkwista, zamm, iccirkola jew esporta xi stampat, tpingija, ritratt, film, ktieb, kartolina jew kitba pornografika jew oxxena jew xi oggett iehor, ikun li jkun prornografiku jew oxxen, kemm jekk jixbah lil dawn ta' hawn fuq kemm jekk le;

3. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkustanzi, innegozja f'xi oggett stampat, tpingija, ritratt, film, ktieb, kartolina jew kitba pornografika jew oxxena jew xi oggett iehor, ukoll jekk dak in-negozju sar bil-mohbi, jew qassam xi oggett bhal dak jew wera' xi oggett bhal dak fil-pubbliku jew f'post accessibbli ghall-pubbliku;

4. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkustanzi, ghal qliegh, jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi

ksur tal-jeddijiet li johrogu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha;

5. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, bhala cittadin jew resident permanenti ta' Malta, sew jekk f'Malta jew barra minn Malta, gibed jew ippermetta li jingibed xi ritratt film, video recording jew xbieha eletronika indecenti ta' persuna ta' taht l-eta, jew qassam jew wera ritratt, film, video recording jew xibieh elettronika indicenti bhal dawn, jew kellu fil-pussess tieghu ritratt, film, video recording jew xbieha eletronika indicenti bhal dawn.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat l-kunsens ta'l-Avukat Generali tat-13 ta' Ottubru, 2008, sabiex dana il-kaz jigi itrattat u deciz bil-procedura sommarja minn din il-Qorti;

Semghet il-provi;

Semghet lill-imputat jammetti t-tieni, it-tielet u r-raba akkuzi migjuba fil-konfront tieghu liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-Qorti tghatu zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi akkwiziti f'din il-kawza jirrizulta illi mir-residenza fejn jghix l-imputat, 31, Hompesch Road, Fgura gew elevati mill-pulizija, computer, printer, diversi CDs u DVDs li fosthom allegatament kien hemm materjal pornografiku. Jidher illi f'wiehed minn dawn id-DVDs kien hemm film pornografiku fejn hemm involuta tfajla minorenni (ara Dokument DVD, Dok E, Dok P).

Illi fl-istqarrija li giet irrilixxjata minnu lill-pulizija, (Dok F a fol. 26 et seq.), kif ukoll mix-xhieda moghtija mill-istess imputat f'dawn il-proceduri, hemm ammissjoni da parti tieghu illi huwa kien jikkopja xi films fuq DVDs u muzika

fuq CDs li whud minnhom kien ikkupjahom sabiex iqeghdhom fil-hanut tieghu tad-DVDs bl-isem Intermission u ohrajn li kien jikkupjahom ghal certu Kevin Azzopardi li kellu hanut confectionery bl-isem Bel Gusto gewwa l-Hamrun. Fil-fatt mid-Dok L a fol. 35 hemm lista maghmulha mill-imputat tal-films li huwa ikkopja u hemm indikat ukoll liema minn dawn il-films huwa ikkopja ghal dana Kevin Azzopardi. L-imputat jammetti illi huwa kien jikkopja xi films ta' natura pornografika ghal dana Kevin izda jichad illi huwa kien jaf x'fih id-DVD jew film dwar pornografija ta' minorenni. Jikkontendi li huwa dana l-film ma rahx, sempliciment ikkupjah minghajr ma rah.

Illi Kevin Azzopardi f'dawn il-proceduri jaghzel li ma jixhidx u dana sabiex ma jinkriminax ruhu fi proceduri kriminali pendenti fil-konfront tieghu.

Ghaldaqstant ghalkemm mill-provi jirrizulta minghajr l-icken dubbju illi l-imputat kien jikkopja films u muzika anke uhud ta' natura pornografika. Mandanakollu dwar dana l-uniku film pornografiku fejn tidher minorenni ma hemmx prova fl-atti li jindikaw illi l-imputat kellu x-xejnza li kien qieghed jikkopja jew jipproduci dana t-tip ta' materjal.

Illi fil-fatt mid-Dokument MB2, imhejji mill-espert nominat mill-Qorti Martin Bajada jirrizulta illi l-computer ta' l-imputat kien fih programmi li huma uzati sabiex jigu ikkupjati DVDs u CDs. Martin Bajada jikkonkludi:

"Li dan il-kompjuter kien qeighed jintuza sabiex jigu ikkupjati diversi video clips u DVD's permezz ta' software li jinsab f'dana l-komputer".

Dwar id-Dokument DVD ikompli jghid illi dan "jikkonsisti wkoll minn tlett kaxxi kontenenti optical diskettes", (309) b'kollox, fuq liema hemm ikkupjati films u muzika. L-ebda wahda minn dawn ma hija originali. Inkluzi ma dawn instabu wiehed u ghoxrin (21) optical diskettes il-kontenut ta' liema hija pornografika. Fuq wahda minn dawn instabet kopja ta' video clip li hemm f'Dokument P u cioe` l-optical diskette immarkata 'pedo maltese'.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat irregistra ammissjoni ghar-rigward tat-2, 3 u r-4 imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ghalhekk fid-dawl ta’ dina l-ammissjoni kif ukoll fid-dawl ta’ dak hawn fuq espost il-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta’ l-istess.

Jibqa’ ghalhekk biex jigu ikkunsidrati l-ewwel u l-hames akkuza, kif ukoll l-akkuza tar-recidiva.

Illi l-ewwwel akkuza tippostula r-reat dwar il-qerq fil-kummerc u fl-industrija kif previst fl-artikolu 298 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Illi l-imputat jinsab akkuzat taht tlett sub-incizi ta’ dana l-artikolu u cioe` is-subincizi 1(a), (1)(c) u 1(f).

a. Illi l-artikolu 298(1)(a) jitkellem dwar il-falsifikazzjoni minghajr il-kunsens tas-sid ta’ ismijiet, marki, sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott tal-industrija. Illi gie stabbilit mill-provi illi l-imputat kien fizikament jittrasferixxi l-informazzjoni minn fuq films u CDs ghal fuq optical diskettes u li kelllu program appost fil-kompjuter tieghu sabiex ikun jista jikkopja dana l-materjal. Inoltre fil-kompjuter tieghu instabu wkoll xi inlays li jintuzaw bhala qoxra ghal dawn l-optical diskettes u ghalhek il-Qorti ser issib htija fil-konfront ta’ l-imputat ghall-ewwel akkuza.

b. Fir-rigward tal-artikolu 298(1)( c) ma jirrizulta minn imkien mill-provi illi l-imputat kien qieghed ibiegh dawn is-CDs u DVDs. Jirrizulta biss illi dawn kien jikkupjahom ghal certu Kevin Azzopardi li kien ihallsu xi Lira Maltija sabiex jaghmel dan.

c. L-istess jista’ jinghad ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 298(1)(f) billi ghalkemm is-CDs u d-DVDs instabu fil-pussess tal-imputat madanakollu ma giex ippruvat illi l-imputat kien qieghed joffrihom ghal bejgh lill-konsumatur.

Ikkunsidrat;

Illi mill-qari tal-hames imputazzjoni, jirrizulta illi l-imputat qed jigi akkuzat bir-reat ikkontemplat fl-artikolu 208A tal-

Kaptiolu 9 li jirrigwarda pornografija ta' tfal taht l-eta. Illi kif gie relevant aktar il-fuq, fil-pussess ta' l-imputat instab DVD wiehed li kien jikkontjeni materjal pornografiku ta' minuri (Dok P). Illi ma jirrizultax mill-provi akkwisiti illi l-imputat kien b'xi mod involut fil-gbid jew recording ta' dana l-filmat. Ma jirrizultax lanqas illi l-imputat b'xi mod kien qieghed ibiegh, juri jew iqassam dana il-filmat li instab fil-pussess tieghu. Madnanakollu l-imputat ma kienx jaf illi kellu fil-pussess tieghu dana t-tip ta' materjal. Huwa gie mghoddi dana l-film minn Kevin Azzopardi sabiex jikkupjah izda ma kellux ix-xjenza u l-volonta` li jghamel kopja ta' dana l-film kontenenti pornografija tal-minuri.

Ghaldaqstant peress illi l-mens rea ta' l-imputat ghall-kummissjoni ta' dana r-reat ma giex ippruvat il-Qorti ser tghaddi biex tiliberah minn dina l-akkuza.

Illi finalment dwar l-akkuza tar-recidiva jidher car illi d-dati tal-akkuzi odjerni migjuba fil-konfront ta' l-imputat jirreferu ghal Novembru 2006 u x-xhur ta' qabel. Illi mill-fedina penali esebita jidher illi l-ahhar kundanna li kellu l-imputat iggib id-data tat-22 ta' Jannar 2007 u kwindi l-Qorti ma tistax tqis lill-imputat recidiv ai termini tal-artikolu 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tista' titqies ir-recidiva biss taht l-artikolu 49 (ara Dokument a fol. 31.).

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni mghamulha mill-imputat ghat-2, 3 u 4 akkuza migjuba fil-konfront tieghu kif ukoll il-koperazzjoni tieghu mal-pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 298(1)(a), 208(1)(2), 298B u 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li tillibera lill-imputat mill-akkuzi 1(b) u (c) u hamsa, issibu hati ta' l-akkuzi numru 1(a), 2, 3, 4, tqis lill-imputat li huwa recidiv biss ai termini ta' l-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tikkundannah ghall-perjodu ta' sitt (6) xhur prigunerija, li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta dana l-perjodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum, kif

ukoll  qed jigi ikkundannat ihallas multa ta’ hames mitt euro (€500).

Il-Qorti qed twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iheor matul il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-Dokument DVD limitatament ghal dak li jirrigwarda DVDs u c-CDs esebiti u tawtorizzza lir-Registratur tal-Qorti jaghmel dan.

Finalment wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9, il-Qorti qed tordna lil hati ihallas is-somma ta’ erba’ mija u erba euro u disa’ u tletin centezmu (€404.39) lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali in konnessjoni mal0ispejjez peritali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------